Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 7/2018

**Christian J. Agius**

**Vs**

**Alberto Serra International Ltd**

25 ta' Jannar, 2019.

1. Il-kawza hi dwar madum li l-attur xtara minghand il-konvenut. L-attur harrek lill-konvenut ghas-somma ta' €2,683.28, flus zejda li qieghed ighid li kellu jhallas minhabba li l-konvenut ha l-kejl hazin tat-tarag fejn kellu jitpogga. L-attur isostni li meta talab jixtri iktar madum, kien infurmat mill-konvenuta li dak it-tip ta' madum ma kienx ghadu jinbiegh. L-attur isostni li dan wassal sabiex kellu jaqla' l-madum li kien lahaq tpogga u kellu jixtri madum iehor ghat-tarag. Fl-avviz tat-talba kompla jghid, *"Ghalhekk huwa qed jitlob il-flus minfuqa fit-tieni ordni €3,876.41 u jhallas dik il-parti li s-sur Serra kien ordna inqas fl-ordni originali (€1193.13) Hlas mitlub lura jigi €2683.28"*.

2. B'decizjoni tat-30 ta' Lulju, 2018 it-Tribunal tal-Konsumatur cahad it-talba tal-attur wara li rraguna:

*"It-Tribunal m'huwiex moralment konvint illi din il-kontroversja nqalghet esklussivament tort tal-intimat peress illi* ***m'huwiex car ta' min kienet ir-responsabbilta' tat-tehid tal-kejl****. Il-provi huma konfliggenti aktar u aktar meta iqis illi l-laser ghall-kalkolu tal-kejl ingieb mid-designer u mhux mill-intimat, fejn allura dan ixaqqleb il-vertenza favur it-tezi tal-intimat li kien id-designer li qed jiehu l-kalkolu u l-intimat jiehu n-nota ta' dak li kien qed ighidlu l-istess designer. Sa hawn kollox sew u lanqas ma t-Tribunal issibha stramba illi rrizulta nuqqas fl-ammont ta' madum li gie konsenjat peress illi din hija xi haga normali f'dan it-tip ta' xoghol. Is-soluzzjoni tkun illi jingieb aktar madum. Sfortunatament fil-frattemp il-manifattur iddecieda illi ma jkomplix b'dik il-linja u ta' dan zgur ma jahtix l-intimat. Min-naha tieghu, ghamel pjacir lir-rikorrent meta zamm il-madum go mahzen tieghu sakemm ir-rikorrent jasal biex iqieghdu. Jekk tmien xhur humiex normali jew le hija akkademika f'dan l-istadju. Il-fatt hu illi dan iz-zmien kien twil bizzejjed sabiex il-manifattur jiddeciedi illi jwaqqaf il-produzzjoni u kif gja nghad dan mhu tort ta' hadd, wisq anqas tal-intimat.*

*Ghalhekk it-Tribunal m'huwiex moralment konvint min kellu r-responsabbilta li jiehu l-kejl, pero' huwa zgur illi t-trapass taz-zmien sakemm tqieghed il-madum hu attribwibbli ghal*

*decizjoni mehuda mir-rikorrent u l-fatt li f'dan it-trapass il-manifattur iddecieda li ma jkomplix bil-produzzjoni ta' dik il-linja, igieghel lit-Tribunal ixaqqleb favur it-tezi tal-intimat.*

*Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu".*

3. B'rikors prezentat fl-20 ta' Awissu, 2018 l-attur appella mis-sentenza. L-aggravju jkun dwar l-apprezzament tal-provi. L-attur isostni li kienet ir-responsabbilta tal-konvenuta li *'tissupplixxi l-madum u jkollu l-extra u mhux bl-ezatt'*. Kompla li d-designer kien qieghed jahdem ghall-konvenuta, tant li rcieva kummissjoni. Inoltre, argumenta li l-konvenuta kellha dmir li tivverifika l-kejl.

4. Mill-provi l-qorti m'ghandha l-ebda dubju li d-designer ma kienx qieghed jaghti servizz lill-konvenuta, izda lill-attur. Fil-fatt Kurt Psaila Montefort, id-designer, xehed: *"Din kienet l-ewwel darba li hadt lis-Sur Serra fuq il-post ghax jien u hu ma konniex nahdmu flimkien. Kien jahdem ma' kumpannija li jiena ma nahdimx maghhom".* L-attur stess, fin-notamenti li pprezenta, iddeskriva lix-xhud bhala *'designer tieghi, Mr Psaila Montefort'*. L-istess qal meta xehed fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 2017.

5. Meta xehed Serra qal li Psaila Montefort kien kejjel kollox. Kurt Psaila Montefort xehed li Alberto Serra kien kejjel it-tarag, filwaqt li hu kejjel il-kmamar. Qal ukoll li l-kmamar tkejlu permezz ta' laser tieghu filwaqt li dik l-ghodda ma ntuzatx ghat-tarag. Verzjoni li tikkorabora dak li xehed l-attur.

6. Madankollu jidher li l-problema nqalghet minhabba l-bullnoses li kellhom jintuzaw fit-tarag. Ghalkemm l-attur xehed li kien hemm zewg problemi ohra, u qal x'kienu, zied li kien solvihom (seduta tas-6 ta' Marzu, 2017). Dwar il-bullnoses Serra xehed, *"I was always working on the understanding* ***that plaintiff was only requesting the front pieces*** *and infact my calculations show that the plaintiff had enough for all the stairs and an extra 3 pieces....".* F'dan ir-rigward hemm biss il-verzjoni tal-attur u dik ta' Serra, li ma jaqblux. Pero' l-attur xehed ukoll, *"Qed nigi muri Dok. H fejn hemm tliet tip ta' step bullnoses u nghid illi dak li tajtu kien it-Torello 40"*, igifieri bil-*bullnose* fil-

faccata. Il-qorti m'hijiex f'posizzjoni li tikkonkludi li hemm xi prova determinanti li tikkonvinciha li l-verzjoni tal-attur hi iktar kredibbli minn dik ta' Serra u li ghandha twassalha biex tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal.

7. Fin-notamenti li pprezenta l-attur, jinghad:

*"Alberto Serra kontinwament ighid li bull nose spiccaw ghax jien ghamilt mal-gemb ukoll u mhux mal-faccata biss. Ovvjament jien ghamilt mal-genb (Document H/I)*

- ***Ghax jidhru sbieh**.*
- *Pero imxejt fuq guidelines tieghu li baghatli hu meta jien gergirt li tarag gie bicciet u mhux shih bhal ta' barra (problema ohra din li ma kinitx cara minnu fil-bidu)*
  *Dokument H jurik l-istampa li hu baghatli*
  *Dokument I juri konversazzjoni mieghu li turi car x'baghatli hu biex ifehmni"*.

8. L-attur qatt ma xehed li l-*bullnoses* li gew konsenjati kienu bicca wahda fil-faccata u mal-gemb. Meta l-qorti tqies id-dokument H li l-attur qal li Serra baghatlu u x'gie ordnat (ara invoice 308 datat 18 ta' Novembru, 2015) u konsenjat, il-qorti zzid id-dubju kemm il-ftehim inizjali kien li l-madum tat-tarag kellu jkollu *bullnose* f'kull gemb. Fehma li kompliet tissahhah wara li l-qorti qrat l-email li l-attur baghat lil Serra bid-data tad-9 ta' Dicembru, 2016 u li anzi tkompli tikkonvinci lill-qorti li l-attur qatt ma talab espressament bullnoses fil-gnub ukoll. X'seta' fehem minn dokument H hi materja ohra. Dan apparti li m'hemmx prova li t-58 bullnose li ordnat il-konvenuta ma kinux bizzejjed, jekk saret *bullnose* fil-faccata biss.

9. Il-qorti zzid li:-

   i. Filwaqt li fl-avviz tat-talba l-attur iddikjara li jippretendi hlas ta' €2,683.28, meta xehed *"Jiena qed nitlob id-differenza bejn dak li hallast cioe €1,938 u dak illi lest illi naghti lis-sur Serra li huwa €1,193. Allura qed nitlob €745 pero nghid illi skont il-quotation originali jiena ghad ghandi inhallas lis-sur Serra €1,938"*. Fil-fehma tal-qorti din turi nuqqas ta' konsistenza min-naha tal-attur.

ii. Jirrizulta li fis-sajf tas-sena 2016 id-ditta estera li minghandha nxtara l-madum, ma baqghetx timmanifattura l-madum li l-attur xtara ghat-tarag (ara email datata 25 ta' Novembru, 2016 li ditta estera baghtet lill-attur). Skont in-notamenti tal-attur il-madum kien kollu Malta sa April 2016. Il-fatt li d-ditta estera ma baqghetx timmanifattura dak it-tip ta' madum bil-bullnoses mhu ta' ebda htija tal-konvenuta.

iii. Kellu jkun mill-ewwel evidenti ghall-attur li l-*bullnose* konsenjata kienet strixxa wahda fuq quddiem.

iv. L-attur mill-bidunett tal-ordni kien jaf li t-tul tal-madum tat-tarag kien 90cm filwaqt li kull bullnose kienet 60cm, u kienet separata mill-madum tat-tarag. Taghrif li hemm fl-invoice datat 18 ta' Novembru, 2015.

v. Qabel beda jitwahhal il-madum u bullnoses tat-tarag, it-tile layer messu vverifika li ghandu bizzejjed madum u bullnoses biex ix-xoghol isir kif riedu l-attur. Hu evidenti li dan ma sarx u l-konvenuta ma tistax tinzamm responsabbli ghan-nuqqas ta' haddiehor. Meta nqalghet il-problema u l-attur ipprova jfittex rimedju, kien tard wisq ghaliex il-bullnoses kienu lehqu twahhlu.

10. Mehud in konsiderazzjoni dawn ic-cirkostanzi l-qorti m'hijiex tal-fehma li hemm ragunijiet gravi li ghandhom iwassluha biex thassar is-sentenza tat-Tribunal. Il-konkluzjoni hi li l-qorti m'hijiex sodisfatta li l-attur ta prova li fil-kaz tal-*bullnoses* Alberto Serra kien ha l-kejl zbaljat, gialadarba m'hemmx prova li tikkonvinci lill-qorti li l-ordni kienet li l-*bullnoses* kellhom ikunu wkoll bil-gnub.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.